# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Lulju, 2021**

**Numru 18**

**Rikors Numru 1047/20TA**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Alexander Bernhard Baier**
**(K.I. Nru: 0202207A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi (ir-rikorrent) tal-10 ta' Novembru 2020;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Novembru 2020;

Rat li Alexander Bernhard Baier (l-intimat) baqa' ma għamel ebda risposta għalkemm debitament notifikat skont il-liġi kemm bir-rikors u anke dokumenti annessi miegħu;

Rat l-Atti u dokumenti kollha tal-proċeduri;

Qieset li wara eżami tad-dokumenti huwa manifestament ċar li t-talbiet tar-rikorrent jistħoqqilhom li jkunu milqugħa.

Il-Qorti tosserva l-ewwel talba fir-rikors hi sorvolata, peress li n-notifika tiegħu u tad-dokumenti diġa' saru kif fuq imsemmi u għalhekk jistħoqq li tintlaqa' t-tieni talba.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fis-sens li qed tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument anness mar-rikors immarkat Dok 'A' bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex id-dokument jikkostitwixxi titolu esekuttiv.

Spejjes a' karigu tal-intimat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**